**Nikkittni**

Niftakar il-jum għalkemm snin gerrbu
meta konna nitħaddtu fis-sala,
u ma nafx kif id-diskors waqa'
u dar mal-korsa bħal kbir Messala.

Imma kliemek għażiż mgħammar xfafar
li daħlu f'qalbi u għawruhieli,
meta wrejtek b'xewqati hekk kbira
u int le għożżejtha, armejthieli!

U f'qalbi lissint għall-kumment tiegħek
meta rajtek maħtuf f'ferneżija,
u staqsejt bid-dmugħ liċ-ċkejkna qalbi:
ma tafx tapprezza l-poeżija?

Imma nifhmek għażiż jekk issibha
bi tqila biex tifhimha kif imiss,
Ħalli ngħidlek f'hiex wasslittni
Għax ħallejtha tirkibni, inkiss 'nkiss.

Ġabittni nitkellem waħdi fil-vojt
ġieli waqt li nkun f'xi raqda tajba,
tagħtini daqqa b'aptha, tqajjimni
anki jekk bixrietha najxa najxa!

U ħallini issa nserraħlek
qalbek għalkemm lil tiegħi nikkittli,
meta jien sfajt midrub b'dak li għedtli
kienet hi biss li lili ferħittni!

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Novembru 2020